C/2025/6449

1.12.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12223 — ATALANTE / MYRIUM)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/6449)

1. Fl-20 ta' Novembru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Atalante SAS ("Atalante", Franza), ikkontrollata permezz ta' AXA Investment Managers SA (Franza) minn BNP Paribas S.A group ("BNPP", Franza),

— Myrium SAS (il-"kumpanija fil-mira", Franza).

Atalante se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv tal-kumpanija fil-mira kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' titoli.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Atalante hija kumpanija li n-negozju prinċipali tagħha huwa l-ġestjoni ta' portafolli individwali jew kollettivi u strumenti finanzjarji f'isem oħrajn,

— Il-kumpanija fil-mira hija prinċipalment attiva fis-swieq tal-inġinerija klimatika u elettrika, tal-manutenzjoni multiteknika u tal-bini.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi [2], għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fil-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara id-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12223 — ATALANTE / MYRIUM

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email, bil-fax jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

L-indirizz postali:

Commission européenne
Direction générale de la concurrence
Greffe des concentrations
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.